**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 24 ta' Gunju 2021**

Rikors Numru: 113/21 AL

AB

vs

CD

(MR Nurmu 1489/2008)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Peress illi l-partijiet kkontrattaw iż-żwieġ tagħhom fit-tnejn u għoxrin (22) t' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) fil-Knisja Parrpkkjali ta' San Nikola, is-Siġġiewi, Malta u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat bħala Dok A;

2. Peress illi minn dan iż-żwieġ li ma kellhomx ulied;

3. Peress illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin għal aktar minn erba’ (4) snin, permezz ta’ kuntratt redatt min-Nutar Mary sive Mariella Mizzi mill-erbgħa (4) ta’ Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), liema kuntratt huwa anness u mmarkat bħala Dok B;

4. Peress illi l-partijiet huma domiċiljati f’Malta u l-ebda parti m’hija rikjesta sabiex tgħaddi manteniment, u in oltre l-partijiet iddekadew definittivament għal kull jedd tagħhom li jitolbu u/jew jirċievu manteniment mingħand xulxin u dan skont l-anness kuntratt ta’ separazzjoni personali (ara klawsola 4);

5. Peress illi ma hemm ebda possibilita ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba’ (4) snin mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

6. Peress illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna illi wara li jgħaddi ż-żmien utili skont il-Liġi, kopja tad-digriet relattiv tiġi kkomunikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jiġi debitament reġistrat skont il-Liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat inġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha jikkonferma:

1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti ilu sseparat mis-7 ta’ Novembru 2013 skont il-kuntratt ta’ separazzjoni anness mal-kawza;
2. Illi fit-tieni lok l-esponenti minn dan iż-żwieġ ma kienx hemm tfal u l-partijiet irrinunzjaw reċiprokament mid-dritt ta’ manteniment mingħand xulxin skont l-istess kuntratt ta’ seprazzjoni;
3. Illi għalhekk m’għandux oġġezzjoni għat-talba tad-divorzju.

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' April, 2021;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Ligi sabiex zwieg jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta' Novembru 2013;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.